MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1179/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**JOSEPH ATTARD ta' 51 sena, iben Francis u Josephine nee' Camilleri, imwieled iz-Zurrieq nhar it-28.06.1959, residenti fil-fond 20, Chamos, Flat 1, Triq il-Farinal, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 445459M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH ATTARD** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru, 2006 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' IML Holding Limited, IML International Limited, IML Marketing & Services u RJD Investments Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju fis-seduta ta' nhar id-19.10.2010, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat li fis-seduta ta' nhar id-19.10.2010 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-partijiet kienu transingew u li l-parte civile ma kellhiex iktar interess fil-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati, u dan wara li rat l-Artikoli 18, 293, u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------